**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 10 ta' April 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Thomas Camilleri**

**Kump. Nr. 552/2018**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Thomas Camilleri** detentur tal-karta tal-identita 570788M, gie akkuzat talli f'xi hin fis-27 ta' Gunju 2018 fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex u/jew f'dawn il-Gzejjer:

1. B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' haddiehor tas-somma ta' tmien mitt euro (€800) u dan ghad-dannu ta' Ruben Curmi u/jew persuni ohra, ai termini tal-Artikoli 308 u 310(1)(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Ghamel xi qligh iehor, b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-artikolu (Sub-titolu III, fuq il-Frodi), ghad-dannu ta' Ruben Curmi u/jew persuni ohra, ai termini tal-artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew aktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u cioe mill-Magistrat Dr. Anthony Vella LL.d u li permezz tieghu huwa nghata il-helsiem mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja

4. Sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-30 t'Awwissu 2018 (ara *folio* 12) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Marzu 2018 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti taghtu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza imsemmija fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensur tal-imputat jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat;**

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-atti kollha processwali, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni skond il-Ligi.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra:

1. l-fattur tal-ammissjoni tal-imputat, anke jekk din ma tistax titqies bhala wahda bikrija.
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali xejn sabiha tal-imputat;
4. Il-fatt, kif iddikjarat fl-udjenza tallum stess, li l-imputat ma ghandux mezzi finanzjarji u konsegwentement ma kienx qieghed jirrifondi s-somma ta' €800 lill-vittma Reuben Curmi.

**Decide;**

**GHAL DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 308, 309, 310(1)(b) u 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil **Thomas Camilleri,** bhala recidiv, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal hmistax (15)-il xahar prigunerija.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur